MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 551/1999/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Marzu 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Fenech izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1988 meta l-attrici kellha tmintax-il sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin sena;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontedenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ngurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi l-kontendenti ghandhom tliet itfal minuri cjoe', Kyle ta' disa' snin, Redlene ta' sitt snin, u Tristan ta' tmien xhur, ilkoll ahwa Fenech;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Nru 1251/98 (Dok "A").

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lil-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tliet itfal minuri cjoe', Kyle ta' disa' snin, Reldene ta' sitt snin, u Tristan ta' tmien xhur, ilkoll ahwa Fenech tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia* tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 21 tal-process, fosthom l-inkartament fejn l-attrici giet assenjata b’difensur ta’ l-ghajnuna legali.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-3 t’Awissu 1999 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi mhux minnu illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici

ta’ eccessi mohqrija ngurji u theddid; mhux minnu li kien vjolenti; kienet l-istess attrici li agixxiet b’mod irresponsabbli u ghalhekk filwaqt illi huwa ma jopponix it-talba ghal separazzjoni, ighid illi din ghandha tinghata ghal ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attrici;

2. Illi l-esponent jikkontendi illi l-attrici bl-agir taghha ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tas-6 ta’ Marzu 2000; tal-21 ta’ Marzu 2000; tal-11 t’Ottubru 2000; tal-20 ta’ Novembru 2000; u tat-12 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota ta’ Dr. Francesco Depasquale ghall-attrici **A** datata 23 ta’ Mejju 2001 li permezz taghha nforma lill-Qorti li rrinunzja ghall-patrocinju taghha *stante* illi ma baqax jifforma parti mill-elenku ta’ avukati ta’ l-Ghajnuna Legali, u ghaldaqstant talab li jigi sostitwit b’difensur iehor.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti ordnat li ghandu jigi assenjat difensur iehor li lilu jmissu t-turn biex jippatrocina lill-attrici bhala difensur ta’ l-ghajnuna legali.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati datata 30 t’Awissu 2001 li biha nforma lill-Qorti li l-avukat li jmissu t-turn fuq l-elenku ta’ l-avukati ghall-ghajnuna legali hu Dr. Vincent Galea.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Settembru 2001; tal-21 ta’ Jannar 2002; tal-25 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tal-11 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit ta’ l-attrici b’terminu ta’ sittin (60) gurnata, wara liema terminu l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata tiffissa

zewg seduti ghall-konkluzjoni provi attrici; u tal-14 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti ssostitwit lil Dr. Mariella Gonzi b'Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju *stante* li ma nzammux seduti fil-mori tad-differiment. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata, u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa zewg seduti ghall-attrici u tlieta ghall-konvenut biex jinghalqu l-provi kollha.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 3 ta' Lulju 2002 fejn talbet li l-konvenut jigi ordnat jipprovdi manteniment ghaliha u ghat-tliet uliedha.

Rat ir-risposta tal-konvenut u d-digriet sussegwenti tas-27 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex b'nota guramentata fi zmien erbat ijiem jindika l-introjtu tieghu b'dokumenti.

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tad-29 t'April 2003 fejn talbet li tigi awtorizzata tipprezenta l-affidavits taghha u sabiex tkun tista' tharrek rapprezentat tax-xoghol tal-konvenut li mhux indikat fil-lista tax-xhieda, sabiex dan jippercepixxi l-introjtu tal-konvenut minn dan l-impjieg.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-2 ta' Mejju 2003 fejn laqghat it-talba.

Rat il-verbali tat-12 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti giet informata li hemm possibbilta' ta' separazzjoni bonarja; tal-10 ta' Dicembru 2003; tas-26 ta' Frar 2004; tas-16 ta' Marzu 2004 fejn Dr. Vincent Galea ghall-attrici nforma lill-Qorti li l-partijiet waslu ghal ftehim; u tal-20 t'April 2004 fejn peress li l-Qorti nnotat li ma giet prezentata ebda nota b'minuta ta' separazzjoni, il-kawza giet differita Sine Die.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-27 t'Ottubru 2004 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata ghas-smiegh biex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet sussegwenti tad-29 t'Ottubru 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-13 t'April 2005.

Rat il-verbal tat-13 t'April 2005 fejn il-konvenut iddikjara li m'ghandux aktar provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi datati l-1 ta' Marzu 2000, 3 ta' Mejju 2000, 19 ta' Gunju 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet ma ressqu l-ebda provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju u dwar dan ma hemm l-ebda nformazjoni fil-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bla ebda dubju l-attrici ppruvat l-allegazzjonjonijiet kollha taghha ghal dik li hija responsabbilta' tal-firda personali minn zewgha f'dan il-kaz. Jidher mix-xhieda taghha istess, li giet anke kkorroborata mix-xhieda ta' ommha (li lanqas giet kontro-ezaminata), kif ukoll mix-xhieda ta' l-Ispettur Alfred Mallia (li esebixxi almenu zewg okkorrenzi ta' rapporti li ghamlet l-attrici rigward theddid u vjolenza fuqha – Dok. "VG 2" u Dok. "VG 3") li l-istess konvenut kien hati lejha ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u adulterju. Fil-fatt l-adulterju huwa ammess minnu, u anke gie ppruvat li l-istess konvenut kien sawwat lill-attrici martu u lil uliedhu diversi drabi. Il-konvenut anke halla lill-familja fil-bzonn, kemm meta kien id-dar, u kemm wara li abbanduna l-istess dar konjugali f'Dicembru 1997, minn liema data u fil-mori ta' din il-kawza ma hallas l-ebda manteniment ghal martu u wliedu. Jidher fil-fatt li mix-xhieda tieghu lanqas biss irrisponda ghad-domanda kemm kien lest li jhallas manteniment ghat-tliet uliedu. Dan minkejja l-fatt li huwa jaf li almenu

minn meta telaq mid-dar konugali huwa baqa' qatt ma hallas manteniment ghal uliedu. Din jidher li baqghet is-sitwazzjoni sal-lum ghalkemm a fol. 194 tal-process hemm notament ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli li jghid li *"il-konvenut offra li jghaddi manteniment ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghat-tfal ….. pero' dan ma giex verbalizzat ghax sar kollox wara li s-seduta spiccat."*

Illi huwa veru li l-istess konvenut xehed b'affidavit tat-13 ta' Frar 2003 fejn jidher li njora ghal kollox l-allegazzjonijiet kollha attrici, anzi jidher li pogga ruhu vittma tas-sitwazzjoni, tant li jghid li l-attrici ma kenitx tiehu hsieb id-dar. Tali xhieda certament ma hijiex kredibbli l-aktar meta huwa jammetti li abbanduna d-dar konjugali. Jidher car minn kif xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, li x-xhieda tieghu ma hijiex kredibbli, anke peress li donnu pprova jahrab minn diversi domandi li sarulu mill-avukat ta' l-attrici Dr. Vincent Galea. Dan mhux biss fuq incidenti ta' vjolenza li uza fuq martu meta kien jghix maghha, izda anke fuq l-introjtu tieghu u fuq l-access tieghu ghal uliedu, fejn ma wera xi herqa partikolari sabiex jibda dan l-access. Sinifikanti wkoll li waqt l-istess seduti fejn kien qed jixhed il-konvenut, dan ma ta l-ebda ndikazzjoni ta' kemm kien lest li jhallas bhala manteniment ghal uliedu minkejja li kien jahdem, *nonostante* wkoll li kien ilu ma jmantnihom is-snin. Huwa ma ghamel xejn sabiex ihallas, kif obbligat li jaghmel u fl-ahjar interess ta' wliedu.

Illi ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghar-ragunijet imputabbli lill-konvenut, u d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi ddikjarat li huwa responsabbli ghall-firda hija dik ta' Dicembru 1997, meta l-istess konvenut telaq mid-dar konjugali. Jirrizulta li sussegwentement l-attrici kkommettiet adulterju, u dan huwa anke ammess minnha.

Illi t-tieni u l-hames talba ghandhom wkoll jigi milqugha, b'dan ghalhekk li l-**artikolu 48 tal-Kap 16** qed jigi applikat *in toto verso* l-konvenut.

Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi milqugha fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri qed tigi fdata f'idejn l-attrici u din il-Qorti ma ser tipprovdi l-ebda access ghall-konvenut ghal uliedu *stante* li dan ma wera l-ebda hegga sabiex ikollu tali access.  Anzi jista' jinghad mix-xhieda tieghu li ma tantx interressah li jezercita dan l-access.

Illi dwar manteniment ghall-attrici jidher li l-istess attrici llum tilfet dan id-dritt peress li kkommettiet adulterju, anke jekk dan sehh wara li giet abbandunata mill-konvenut. Rigward manteniment mill-konvenut ghat-tliet uliedu Kyle, Redlene, u Tristan, jirrizulta li huwa ilu ma jmantnihom ghal dawn is-snin kollha.  Jirrizulta wkoll li l-konvenut illum ghandu paga bazika ta' tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm345.85) fix-xahar. In vista ta' dan  l-istess konvenut qed jigi ordnat ihallas bhala alimenti ghal uliedu l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull erba' gimghat bil-quddiem, liema pagament ghandu jsir lill-attrici fir-residenza taghha, u dan billi l-iffissat ammont jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, (illum Skanska Malta J. V.) u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha bhala manteniment ghall-minuri.  Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut, sabiex dan jaderixxi ruhu ma' din l-ordni kif stipulat f'din is-sentenza.

Illi is-sitt talba ghanda tigi milqugha u din il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett minn Dicembru 1997, ghal dak li jirrigwarda d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti li kull parti tibqa' zzomm dawk il-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess attwali ta' kull parti, inkluz kull depozitu bankarju.  L-attrici ghandha tibqa' tghix ma' wliedha fil-fond fejn attwalment tghix u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut.  Kull dejn ezistenti li hemm mal-bank sal-lum, jekk ghadu mhux imhallas, ghandu jigi mhallas mill-konvenut.

Illi t-tmien talba ghandha tigi milqugha, filwaqt li s-seba' talba ghandha tigi milqugha fis-sens li l-attrici qed tigi

kkonfermata li ghandha pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u dan *stante* li kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u adulterju, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data ta' Dicembru 1997 meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lil-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tliet itfal minuri cjoe', Kyle ta' disa' snin, Redlene ta' sitt snin, u Tristan ta' tmien xhur, ilkoll ahwa Fenech tigi fdata lill-attrici.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu bhala manteniment ghat-tfal minuri Kyle, Redlene, u Tristan l-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull erba' gimghat bil-quddiem u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Kull pagament ghandu jsir lill-attrici fir-residenza taghha, u dan billi l-istess ammont jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, (illum Skanska Malta J. V.) u jinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha bhala manteniment ghall-imsemmija minuri. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut, sabiex dan jaderixxi ruhu ma' din l-ordni kif hawn stipulat f'din is-sentenza. Dwar manteniment ghall-attrici dan ma huwiex illum dovut minhabba li din iddekadiet minn dan id-dritt.

5. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet ta' l**-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Dicembru 1997. Tordna li ghal dak li jirrigwarda d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti, kull parti tibqa' zzomm dawk il-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess attwali taghha, inkluz kull depozitu bankarju. L-attrici tibqa' tghix ma' wliedha fil-fond fejn attwalment tghix u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut. Kull dejn ezistenti li hemm mal-bank sal-lum, jekk ghadu mhux imhallas, ghandu jigi mhallas mill-konvenut.

7. Tilqa' din it-talba biss fis-sens illi l-attrici qed tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici flimkien ma' wliedha minuri bl-eskluzjoni tal-konvenut.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------